**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 18 t'April 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 58

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 58 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 24 t'April 2017 fis-6pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
58.5 Rapporti;
58.6 Polza tal-Assikurazzjoni għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
58.7 Aġġornament dwar it-talba lill-Kunsill Lokali mis-Soċjetajiet Mużikali Qrendin;
58.8 Aġġornament dwar Miżura 4.3 – Fondi għal Toroq Rurali;
58.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;
58.10 Aġġornament dwar iż-Żjara Esploratorja mill-Kunsill Lokali fir-raħal ta' Comber, l-Irlanda ta' Fuq;
58.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
58.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-58 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 24 t'April 2017 fis-6pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 58.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

58.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

## 58.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

58.2.1 Il-Minuti tas-57 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Charles Zerafa.

58.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti.

58.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 58.3, 58.4 u 58.5 jiġu diskussi wara Minuta 58.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 58.6 POLZA TAL-ASSIKURAZZJONI GĦALL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

58.6.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar *e-mail* ***Qrendi Local Council – Small and Medium Enterprise (Combined) Insurance Policy No SML/244/07/100010 & Group Personal Accident Insurance Policy No GPAL/244/07/100007 – 16th May 2017 Renewal.***

58.6.2 Qal li l-polza tal-assikurazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi waslet biex tiskadi u għaldaqstant il-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi jekk din il-polza

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tiġiex imġedda jew le.

58.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega din il-polza t'assikurazzjoni.

58.6.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet li l-Kunsill Lokali għandu jġedded il-polza tal-assikurazzjoni tiegħu, liema proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

58.6.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 58.7 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TALBA LILL-KUNSILL LOKALI MIS-SOĊJETAJIET MUŻIKALI QRENDIN

58.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret laqgħa mas-Soċjetajiet Mużikali Qrendin fejn fiha kienet diskussa t-talba li jsiru bollards fil-pjazza prinċipali tal-Qrendi u ġibna wkoll xi kwotazzjonijiet għax-xogħolijiet.

58.7.2 Qal li kien hemm kumpanija partikolari li offriet li ttaqqab it-toqob ta' dawn il-bollards mingħajr ħlas.

58.7.3 Żied li l-kwotazzjoni li ġibna għall-*covers* ta' dawn it-toqob ġiet tammonta għal €157.27 għal sittax-il *cover*.

58.7.4 Kompla li hemm kumpanija oħra li tista' tipprovdi l-bollards/pajpijiet u dawn jista' jkun li jiġu jiswewna madwar €100.

58.7.5 Spjega li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali se jiddeċiedi li jagħmel dawn il-bollards, allura rridu nikkonfermaw mas-Soċjetajiet Mużikali, minn meta sa meta l-pjazza se tkun magħluqa f'kull festa, u dawn il-ġranet ikunu approvati mill-Kunsill Lokali.

58.7.6 Ippropona li għandha ssir laqgħa oħra mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex nifthemu t-triq 'il quddiem, kif ukoll naraw ir-responsabilita' ta' kull Soċjeta' x'se tkun.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

58.7.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li l-ispejjeż jinqasmu bejn il-Kunsill Lokali u s-Soċjetajiet Mużikali sabiex kulħadd jieħu parti mill-piż.

58.7.8 Is-Sindku wieġeb li min-naħa tiegħu jipproponi li x-xogħol kollu flimkien mal-ħlas isir mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi, jekk kemm-il darba s-Soċjetajiet Mużikali jaċċettaw li jgħinuna sabiex jitwaħħal festun twil fi Triq it-Tempesta minħabba l-Festa ta' Nar li se ssir il-Qrendi nhar is-Sibt 6 ta' Mejju.

58.7.8.1 Żied li jekk kemm-il darba s-Soċjetajiet Mużikali ma jaqblux li jarmaw dan il-festun, allura mbagħad l-ispejjeż jinqasmu bejn tlieta u kull parti toħroġ madwar €100.

58.7.8.2 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat il-proposta tas-Sindku.

58.7.8.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 58.8 <u>AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.3 – FONDI GĦAL TOROQ RURALI</u>

58.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li tkellimna ma' ARPA dwar din il-Miżura u staqsejna għall-informazzjoni dwar ċertu toroq rurali li għandna fil-Qrendi.

58.8.2 Min-naħa tal-Kunsill Lokali staqsejna kemm hemm bdiewa f'toroq partikolari, u dan sabiex niċċekkjaw jekk aħniex eliġibbli li napplikaw jew le.

58.8.3 Żied li fil-preżent għandna sitwazzjoni prekarja quddiemna u dan minħabba li għadna qegħdin nistennew risposta dwar il-Kuntratt ta' Perizija tal-Kunsill Lokali.

58.8.4 Qal li min-naħa tagħhom, Transport Malta staqsewna liema toroq rurali nixtiequ nagħmlu, u dan minħabba li se jkunu qegħdin jagħmlu numru ta' toroq huma.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

58.8.5 Spjega kif kieku tkun ideali li nipproponu li jsiru Triq San Niklaw u parti minn Triq Misraħ is-Sinjura taħt din il-Miżura, jekk kemm-il darba jidħlu biex jagħmluha Transport Malta.

58.8.6 Fisser kif jekk kemm-il darba ssir minn Transport Malta, il-Kunsill Lokali ma jkollux għalfejn joħroġ 10% tan-nefqa, għax dawn jinħarġu mill-istess Transport Malta.

58.8.7 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk il-Kunsill Lokali għandux jidħol sabiex jagħmel xi triq oħra, speċjalment meta għadna qas nafu jekk jiġux aċċettati jew le, u xorta waħda jkollna nħallsu l-ispejjeż tal-perizija.

58.8.8 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li hi tipproponi li l-Kunsill Lokali għandu japplika sabiex għallinqas issir triq waħda.

58.8.9 Is-Sindku wieġeb li fil-mument forsi jkun aktar opportun jekk il-Kunsill Lokali jirnexxielu jieħu xi ħaġa mingħand il-Gvern, imbagħad jekk inkunu rridu nagħmlu xi triq minnhom aħna, napplikaw għaliha peress illi din l-applikazzjoni se ddum miftuħa sal-2020.

58.8.9.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qabel mal-proposta tas-Sindku.

58.8.9.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 58.9 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017</u>

58.9.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li saru żewġ laqgħat, waħda mas-Soċjetajiet Mużikali u Għaqdiet li se jieħdu sehem bl-ikel waqt il-Festival, kif ukoll laqgħa oħra mal-grupp Projekt Lazarus.

58.9.2 Qal li fil-laqgħa li saret mas-Soċjetajiet Mużikali u Għaqdiet, dawn ippreżentaw l-ikel li se jsajru dakinhar tal-Festival, u żied li avolja kien hemm platti li kienu l-istess, bejniethom qablu li xorta waħda

għandhom iżommu l-istess platti, imma mbagħad se jkun hemm ftehim dwar il-prezzijiet.

58.9.3 Tkellem ukoll dwar il-laqgħa li saret mal-grupp Projekt Lazarus, fejn dawn skużaw ruħhom għal dak li kien ġara s-sena li għaddiet, meta konna mwegħdin ħafn'aktar milli fil-verita' kellna.

58.9.3.1 Fisser kif f'din il-laqgħa li kellna ħareġ li huma lesti li jġibu ħafn'aktar xogħol magħhom din is-sena, kif ukoll jixtiequ li jġibu magħhom il-katapulta.

58.9.3.2 Qal li huma lesti li jibdew jarmaw mis-Sibt filgħaxija, lejlet il-Festival, u anke huma lesti li jikkampjaw f'Misraħ il-Maqluba matul il-lejl.

58.9.3.3 Il-Viċi Sindku ppropona li bħalma għamilna s-sena li għaddiet, il-Kunsill Lokali għandu jagħti €400 lil dan il-grupp, biss jekk kemm-il darba jonqsu li jġibu l-affarijiet kif ġara s-sena li għaddiet, allura ma nerġgħux naħdmu ma' dan il-grupp.

58.9.3.4 Qal li hemm proposta oħra, dik li noffrulhom €300 għas-servizzi tagħhom, jew inkella mill-prezz innaqqsu l-ispejjeż tat-traġitti sabiex inġibu l-katapulta.

58.9.3.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qablet mal-ewwel proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta.

58.9.3.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

58.9.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk għandniex nerġgħu nippruvaw nagħmlu l-wirja taż-żwiemel.

58.9.4.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li konna qegħdin nistennew sabiex naraw jekk din il-wirja hijiex se ssir jew le.

58.9.4.2 Il-Viċi Sindku ppropona li terġa' ssir laqgħa mas-Sur George Cortis, li ħa ħsieb il-wirja tas-sena li għaddiet, biss din is-sena rridu naħdmu aktar bil-għaqal u allura rridu nifthemu aktar fiċ-ċert dwar kif se nkunu qegħdin naħdmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

58.9.5 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar l-istands li se jintramaw dakinhar tal-Festival u staqsa dwar liema tip ta' stands se nħallu jarmaw.

58.9.5.1 Is-Sindku wieġeb li rridu noqgħodu attenti li ma nwaqqgħux il-livell tal-Festival u allura dan ifisser li rridu noqgħodu attenti ħafna lil min inħallu jarma.

58.9.5.2 Qal li hu jipproponi li min ibigħ l-artiġjanat, dan għandu jitħalla jarma bla problemi ta' xejn.

58.9.5.3 Żied li rridu nagħmluha ċara ma' dawk li se jarmaw li bħala Kunsill Lokali rridu prodott Malti u dan sabiex inżommu l-awtentiċita' tal-Festival.

58.9.6 Is-Sindku staqsa dwar il-video li kellu jinħadem sabiex jintwera' fil-Kappella ta' San Mattew dakinhar tal-Festival.

58.9.6.1 Il-Viċi Sindku wieġeb li għal din is-sena dan il-video propost se jkollu jinqabeż minħabba li l-istudenti tal-MCAST żgur mhux se jlaħħqu jtellgħu din il-produzzjoni fiż-żmien li fadal.

58.9.6.2 Is-Sindku ppropona li ġaladarba mhux se jsir dan il-video, allura rridu naraw kif se nimlew il-Kappella ta' San Mattew, u qal li tkun ideali jekk għal din is-sena nżommu tema Marjana, u allura kull statwa, inkwatru, jew biċċa xogħol oħra, jrid ikollha tema Marjana.

58.9.6.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 58.10 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IŻ-ŻJARA ESPLORATORJA MILL-KUNSILL LOKALI FIR-RAĦAL TA' COMBER, L-IRLANDA TA' FUQ</u>

58.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna kuntatt mal-uffiċċju tat-turiżmu tal-Irlanda ta' Fuq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

58.10.2 Qal li minn dan l-uffiċċju qegħdin jistaqsuna eżattament x'aħna nfittxu bħala Kunsill Lokali minn din iż-żjara esploratorja, u dan sabiex huma jkunu jistgħu jfasslu programm adattat għal meta nkunu qegħdin hemmhekk.

58.10.3 Spjega kif hu diġa' tkellem mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu sabiex naraw fejn jistgħu jgħinuna matul din iż-żjara.

58.10.4 Fisser kif l-ideal tagħna hu li mmorru Comber u hemmhekk naraw liema huma l-aħjar prattiċi li jużaw sabiex itellgħu dan il-Festival, u t-tieni naraw jekk huwiex possibbli li nidħlu f'ġemellaġġ ma' dan il-villaġġ li jidher li huwa simili tal-Qrendi.

## 58.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

58.3.1 Is-Sindku qal li fi Triq il-Puniċi saru erba' bozoz filwaqt li aktar kmieni llum, matul l-għodwa, saru partijiet mis-sinjali tat-traffiku mal-art.

58.3.1.1 Spjega kif xorta waħda ma sarux is-sinjali kollha u dan minħabba li għadhom iridu janalizzaw kif l-aħjar li jsir l-immaniġġjar tat-traffiku f'din l-akwata.

58.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fiċ-Ċentru tal-Għadd tal-Voti, in-Naxxar.

58.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-Festa ta' Nar li tkun organizzata mir-Reġjun ta' Nofsinhar u kkonferma li għal din is-sena din se ssir il-Qrendi.

58.3.3.1 Qal li b'kollox se jkunu qegħdin jieħdu sehem għoxrin kamra tan-nar differenti, u dan in-nar se jkun qiegħed jinħaraq minn żewġt ibnadi, filwaqt li n-nar tal-art se jinħaraq mill-bypass minn fejn is-soltu jinħaraq in-nar tal-art fil-festa ta' Santa Marija.

58.3.3.2 Żied li bħala Kunsill Lokali qegħdin ngħinu lir-Reġjun ta' Nofsinhar fuq

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

il-loġistika ta' din l-attivita', għaliex mill-bqija kollox qed jieħu ħsieb ir-Reġjun.

58.3.3.3 Fisser kif għall-immaniġġjar tat-traffiku, se nkunu qegħdin nużaw l-istess loġistika li nużaw għall-festi tal-lokal.

58.3.3.4 Tkellem ukoll dwar l-istands tal-ikel u tax-xorb li se jintramaw f'din l-attivita', u qal li dawn se jieħdu ħsiebhom is-Soċjetajiet li se jkunu qegħdin jieħdu sehem, imma spjega wkoll li s-Soċjetajiet Mużikali tal-Qrendi se jkollhom l-ewwel preferenza dwar il-lok fejn iridu joqgħodu fil-bypass.

58.3.4 Is-Sindku tkellem dwar it-tindif tal-binja tal-Kunsill Lokali u qal li nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju, is-Sa Joanne Caruana għandha tibda taħdem mal-Kunsill Lokali permezz tal-*Community Workers Scheme*.

58.3.4.1 Qal li l-ħlas tagħha se jkun qiegħed isir mill-iskema, filwaqt li l-Kunsill Lokali jħallas biss għall-affarijiet li jkun hemm bżonn tat-tindif.

58.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-fatt li fl-aħħar jiem waslu tliet ħaddiema mill-kumpanija RSS, li dawn se jkunu qegħdin jagħtu servizz lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi għal ftit jiem biss.

58.3.5.1 Qal li s'issa diġa' ħadu ħsieb il-bankijiet tal-belveder ta' Wied iż-Żurrieq, filwaqt li fil-preżent bdew itellgħu l-ħajt li hemm fi Triq Massabielle, li prattikament fil-mument huwa ineżistenti.

58.3.5.2 Żied li huwa tal-mistħija kif wara dan il-ħajt huwa mimli ħmieġ u għaldaqstant jekk intellgħu dan il-ħajt forsi jirnexxielna nikkontrollaw il-ħmieġ li jintefa'.

58.3.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mad-Dipartiment tas-Saħħa, fejn dawn se jkunu qegħdin jagħmlu proġett pilota minħabba l-virus Zika.

58.3.6.1 Qal li l-għan hu sabiex jiġi verifikat jekk fil-Qrendi għandniex Zika u dan se jseħħ billi se jitwaqqfu tliet 'stazzjonijiet', li se jsiru fil-bitħa tal-Kunsill Lokali, ieħor fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali, u stazzjon ieħor fil-Ġnien tal-Warda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

58.3.7 Is-Sindku tkellem dwar ir-roundabout tal-Qrendi u qal li hemm il-ħsieb li fil-futur qarib nibdlu l-bozoz ta' din ir-roundabout u se nkunu qegħdin niċċekkjaw jekk dawn il-bozoz jistgħux ikunu kuluriti sabiex ir-roundabout tkun tematika.

58.3.7.1 Qal li se nkunu qegħdin niċċekkjaw mal-*Environmental Landscapes Consortium Limited* sabiex naraw jekk dan huwiex possibbli, u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li meta jkunu hemm xi ġranet/ġimgħat/xhur speċifiċi għal xi tfakkira jew oħra, din ir-roundabout tkun tista' tinxtegħel bil-kulur/i adattati.

58.3.8 Is-Sindku tkellem dwar it-talba li l-Kunsill Lokali għamel lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur dwar talba għal estensjoni sabiex jitlesta' l-awditjar tal-Kunsill Lokali.

58.3.8.1 Qal li wara li se jitlesta' l-awditjar tas-sena 2016, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joħorġ sejħa għas-servizz t'accountant, minħabba li sena wara l-oħra qed naffaċċjaw diversi problemi li jistgħu jiġu evitati.

58.3.9 Is-Sindku tkellem dwar **Ċirkulari Numru 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund***.

58.3.9.1 Qal li minn issa 'l quddiem irridu nagħmlu pjan ta' tliet snin, jiġifieri rridu nippjanaw mill-2018 sal-2020.

58.3.9.2 Fisser kif bħala Kunsill Lokali rridu niddeċiedu jekk il-Festival Agrarju tal-Patata jibqax isir kull l-aħħar Ħadd ta' Mejju, sena wara l-oħra.

58.3.9.3 Ippropona li l-Viċi Sindku Charles Zerafa għandu jieħu din il-materja f'idejh minħabba l-involviment tiegħu fil-Festival Agrarju tal-Patata.

58.3.9.4 Wiegħed li mill-Kunsill Lokali kien se jsib kull għajnuna sabiex jifformola l-applikazzjoni u d-dettalji.

58.3.10 Is-Sindku tkellem dwar l-istedina li waslet mir-Reġjun tan-Nofsinhar sabiex il-Kunsill Lokali ta' dan ir-reġjun jiltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali.

58.3.10.1 Qal li din l-istedina hija għal nhar is-Sibt 13 ta' Mejju u se ssir fis-sala tal-Każin Banda San Nikola, is-Siġġiewi.

58.3.10.2 Is-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Charles Zerafa, il-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, kollha kkonfermaw l-attendenza tagħhom.

58.3.11 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill Lokali u Transport Malta dwar il-*water catchments* li nsibu f'diversi toroq, fosthom dawk ta' Triq RAF Krendi.

58.3.11.1 Qal li r-risposta li rċevejna mingħand Transport Malta kienet tgħid li l-istess awtorita' qatt m'approvat li jsiru dawn il-*water catchments* u l-Kunsill Lokali għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex dawn jitneħħew.

58.3.11.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li min-naħa tiegħu jista' jkellem lil wieħed mis-sidien tal-għelieqi inkwistjoni, filwaqt li s-Sindku qal li jista' jkellem lill-bidwi l-ieħor, qabel ma naraw x'passi aktar nistgħu nieħdu.

58.3.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia dwar talba għal bankina fi Triq iż-Żurrieq.

58.3.12.1 Qabel ma' ġiet diskussa din il-korrispondenza, il-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia ssospendew ruħhom mil-laqgħa minħabba li s-Sur Carmel Farrugia jiġi t-tifel u ħu l-Kunsillieri rispettivament.

58.3.12.2 Is-Sindku qal li jekk kemm-il darba se tintlaqa' t-talba tas-Sur Farrugia, se jkollna diversi problemi f'din it-triq.

58.3.12.3 Qal li hu jipproponi li għandha ssir laqgħa mas-Sur Farrugia sabiex naraw eżattament x'irid u kif inhu l-aħjar metodu li nipproċedu f'dan ir-rigward.

58.3.12.4 Żied li anke l-parkeġġ diġa' huwa ristrett, allura jekk se ssir bankina dan se jkompli jirristrinġi kollox u għaldaqstant għandna noqgħodu aktar attenti.

58.3.12.5 Fisser kif wasal iż-żmien li nikkunsidraw sew jekk parti minn Triq

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Filippu Zammit, li diġa' eżatt ma' kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq, għandiex tiġi żona pedonali minħabba li mindu sar l-iżvilupp mis-Sur Farrugia, prattikament dil-biċċa tat-triq ma sarx fiha aktar użu ħlief li wieħed jgħaddi jimxi minnha.

58.3.12.6 Wara li ġiet diskussa din il-materja, il-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia reġgħu ssieħbu fil-laqgħa.

58.3.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Alison Spiteri dwar barrikata fi Triq it-Tempesta.

58.3.13.1 Is-Sindku qal li dwar din it-talba jkun aħjar li niċċekkjaw ma' Transport Malta jekk tistax issir, minħabba li iż-żona hija fejn hemm ir-roundabout, u għaldaqstant irridu niċċekkjaw jekk huwiex possibbli jsir xi ħaġa minħabba l-istess roundabout.

58.3.13.2 Qal li rridu nkunu ċerti li jekk kemm-il darba ssir barrikata ma żżidx il-periklu għas-sewwieqa u għal dawk li jiddeċiedu li jmorru jimxu.

58.3.13.3 Żied li hu jipproponi li nibagħtu r-rikjesta lil Transport Malta u naraw x'ikun il-parir tagħhom.

58.3.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Buttigieg, bit-titlu ***Urgent Request for Street Bollards – Property***.

58.3.14.1 Is-Sindku qal li hu personalment diġa' tkellem mas-Sur Buttigieg u l-ftehim hu li l-ewwel tiġi rranġatha l-bankina eżistenti, imbagħad wara wieħed jikkunsidra jekk dawn il-*U-bars* għandhomx isiru jew le.

58.3.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonio Spiteri, bit-titlu **Biex immexxi l-bozza**.

58.3.15.1 Is-Sindku qal li rridu niċċekkjaw eżatt fejn se titmexxa l-bozza ħalli ma jkollniex problemi wara.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 58.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISOTQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

58.4.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar il-karozza tal-linja li tgħaddi minn quddiem San Vinċenz de Paule.

58.4.1.1 Qalet li kien hemm xi residenti li lmentaw magħha li din il-karozza mhijiex titla' t-telgħa ta' quddiem l-isptar, imma qiegħda tieqaf fin-niżla.

58.4.1.2 Is-Sindku wieġeb li min-naħa tagħna kulma nistgħu nagħmlu hu li nkellmu lil Transport Malta dwar din it-talba, imma mbagħad tkun fil-prerogattiva tagħhom jekk jirranġawx ir-rotta jew le.

58.4.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk jistax isir sinjal ta' STOP fi Triq Soubirous kantuniera ma' Triq il-Fulija.

58.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin niċċekkjaw dwar dan u jekk m'hemmx problemi nkunu nistgħu nagħmluh.

58.4.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar jekk tistax issir bozza oħra fil-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq.

58.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali diġa' għamilna żewġ bozoz u fil-preżent jidher li hemm dawl biżżejjed.

58.4.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar il-possibilta' li ssir barrikata żgħira fi Triq il-Panorama, fil-biċċa fejn tidjieq fuq il-belveder ta' Wied iż-Żurrieq.

58.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li din il-materja diġa' ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill Lokali u hija diffiċli ħafna biex din issir sakemm it-triq ma titwessgħax.

58.4.4.2 Żied li f'dik iż-żona l-Kunsill Lokali diġa' ħa ħsieb jaqta' l-kaktus u dan sabiex in-nies li jkunu qegħdin jimxu ma jkollhomx għalfejn joħorġu f'nofs ta' triq minħabba l-kaktus.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

58.4.4.3 Spjega kif apparti dan kollu, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb li jsiru l-bozoz tad-dawl u dan sabiex iż-żona tkun imdawla sew anke filgħaxijiet.

58.4.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar l-organizzazzjoni ta' *Clean Up Day* fil-Qrendi.

58.4.5.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li rridu naraw min se jieħu responsabilita' ta' din il-*Clean Up Day* għaliex bħala Kunsill Lokali ma nistgħu nobbligaw lil ħadd.

58.4.5.2 Il-Kunsillier Sant Mifsud qalet li għallinqas irridu noħorġu b'data u ħin meta tista' ssir din il-*Clean Up Day*, ħalli anke ssir proposta uffiċjali quddiem il-Kunsill Lokali.

58.4.5.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li jekk hemm bżonn noħorġu sejħa sabiex naraw min jixtieq jieħu sehem f'din l-attivita'.

58.4.5.4 L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Yanika Ciappara qalet li waslilha lment li fi Triq il-15 t'Awwissu qiegħed ikun hemm xi ħmieġ b'mod speċjali minħabba li hemm min qiegħed joħroġ il-borża s-sewda wara li jkun għadda l-kollettur.

58.4.5.5 Is-Sindku wieġeb li din il-materja diġa' tqajmet darb'oħra u se nkunu qegħdin nerġgħu niċċekkjaw x'eżattament qiegħed jiġri.

## 58.5 <u>RAPPORTI</u>

58.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar l-aħħar ħarġa kulturali/edukattiva tal-Kunsill Lokali u qal li kienet tajba ħafna.

58.5.1.1 Qal li matul din il-ħarġa n-nies żaru żewġ wirjiet fuq is-sejf ta' De Valette kif ukoll dwar il-Belt Valletta.

58.5.1.2 Żied li n-nies li attendew kollha kellhom kliem ta' tifħir u deher ċar li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ħadu ħafna gost.

58.5.1.3 Il-Viċi Sindku kien tal-opinjoni li minn tal-inqas darba f'sena, il-Kunsill Lokali għandu jibda jorganizza ħarġiet simili, fejn ma jkunx hemm tombla, imma l-ħarġa tkun purament kulturali u edukattiva.

58.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-mawra għal Sqallija li se tkun organizzata nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju.

58.5.2.1 Qal li l-prezzijiet huma kif ġej: €134 il-kbar u €58 it-tfal.

58.5.2.2 Saħaq li f'din il-mawra m'aħniex se mmorru l-monti ta' Catania imma minflok se mmorru l-Auchan.

## 58.11 **KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

58.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €33,904.96 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/17 u €61.12 skont il-*Petty Cash* Ref U/03.

58.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

58.11.3 Il-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

58.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 58.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

58.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju 2017 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**